**Bil-karrotta mdendla**

Hekk kienet il-wegħda
Magħmula b'passjoni,
Li twiegħed tagħtina
Addijo tensjoni.
Imma l-esperjenza
Xorta oħra uriet,
Għax kixfet il-ħażen
Ta' min għamel li ried.

Ħabib, tidħakx iżjed
Bija quddiem wiċċi,
Tippreżentax ruħek
Int kollok intriċċi.
U b'daqshekk x'se tieħu?
Tlift issa kull stima,
Mhux aħjar jekk tibda'
L'Alla tagħti qima?

Kif ħa tagħtiehlu
Jekk mhux b'li tkun onest?
Biddel kliemek ħija
M'għemilek dan hu t-test.
Jekk dan għalik ħafna
U ħajtek imħeddla,
Ftakar li t-triq l-oħra
Hi karrotta mdendla.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Dicembru 2024

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.